MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-19 ta' April, 2004

Numru 717/1997

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)**

**Vs**

Anthony Gambin
Frankie Gambin

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati Anthony Gambin u Frankie Gambin ta’ karta ta’ identita’ numru 45148(M) u 431050(M) rispettivament, akkuzati:

Talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex igeghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta’ aktar minn Lm1,000 ghad-dannu ta’ Carmelo Abela and Sons Ltd., J Psaila Manche’ and Son Ltd., Messrs. Edible Oil Refining Company Ltd., Margarine Manufacturing Company Ltd u persuni ohra u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali (folio 208).

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni huma ippersistew anka wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi jittrattaw l-frodi ossija truffa aggravata.

Fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati qeghdha tiddecidi li tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------